# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 2017**

**Numru 1**
**Rikors numru 210/2017**

**Elizabeth Claire Mikkelsen**

***v.***

**Kummissjoni Elettorali**

1. Dan huwa appell ta' Elizabeth Claire Mikkelsen minn deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali ["il-Kummissjoni"] illi ma aċċettatx in-nomina tagħha bħala kandidat għall-elezzjoni ġenerali. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Nhar is-Sibt 13 ta' Mejju 2017 l-appellanti marret l-uffiċċju tal-Kummissjoni biex tippreżenta n-nomina tagħha bħala kandidat. Billi l-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk setgħetx tilqa' n-nomina tal-appellanti (billi n-nomina kienet għal aktar minn żewġ distretti), u xtaqet tieħu parir dwar hekk, idderiġiet lill-appellanti iżżomm il-formuli tan-nomina sakemm il-Kummissjoni tkun tista' tasal għal deċiżjoni. L-appellanti għalhekk illargat minn fuq il-post sakemm xi kandidati oħrajn ħbieb tagħha ċemplula biex igħarrfuha illi l-Kummissjoni kienet

iddeċidiet illi tilqa' n-nomini bla ħsara għall-kwistjoni jekk kinux jiswew għal aktar minn żewġ distretti.

3. L-appellanti għalhekk marret lura lejn l-uffiċċju tal-Kummissjoni iżda waslet hemm xi minuta jew tnejn wara li għalaq il-ħin biex il-Kummissjoni tilqa' n-nomini u għalhekk il-Kummissjoni ma qisitx lill-appellanti bħala kandidata.

4. L-appellanti appellat b'rikors tas-17 ta' Mejju 2017 li għalih il-Kummissjoni wieġbet fit-18 ta' Mejju 2017 u wieġeb ukoll l-Avukat Ġenerali fit-18 ta' Mejju 2017.

5. Ir-rikors tal-appell igħid illi qiegħed isir *"ai termini* tal-artikolu 51(9) tal-Kap. 354" [l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali]. Id-disposizzjonijiet relevanti jgħidu hekk:

> »51. (3) Tista' ssir oppożizzjoni għal nomina minħabba li l-kandidat ma jkunx reġistrat bħala elettur fir-Reġistru Elettorali l-aħħar pubblikat jew li fiha d-deskrizzjoni tal-kandidat ma tkunx biżżejjed sabiex jiġi identifikat, minħabba li l-formula tan-nomina ma tkunx magħmula jew ma tkunx ġiet ikkunsinnata skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew minħabba li l-kandidat ikun ġà ġie nominat għal żewġ distretti elettorali:
>
> »… … …
>
> »(4) … … … Il-Kummissjoni nnifisha għandha tagħmel oppożizzjoni jekk din jidhrilha li jkun hemm xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subartikolu (3).
>
> »… … …
>
> »(9) Meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tkunx waħda favur l-oppożizzjoni, din tkun finali. Meta d-deċiżjoni tkun waħda favur l-oppożizzjoni, il-kandidat jista' jikkontestaha billi jippreżenta rikors ta' kontestazzjoni mal-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Appell fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-għoti tad-deċiżjoni mill-Kummissjoni. … … …«

6. Il-Kummissjoni u l-Avukat Ġenerali ressqu eċċezzjoni preliminari li ma kien hemm ebda nomina preżentata, għalhekk ma seta' kien hemm

ebda deċiżjoni dwar nomina li ma saritx, u għalhekk ukoll ma jista' jsir ebda appell minn deċiżjoni li ma tteħditx:

> »… … … l-artikolu 51(9) tal-Kap. 354 huwa inapplikabbli f'dan il-kaz u dan *stante* li dak ir-rimedju jaħseb għal appell minn deċiżjoni tal-Kummissjoni meta deċiżjoni ma tkunx waħda favur l-opposizzjoni u tkun waħda finali. Illi f'dan il-każ … … … la kien hemm nomina, la kien hemm opposizzjoni u wisq inqas deċiżjoni li minnha seta' jsir appell mir-rikorrenti skont l-artikolu 51(9) tal-Kap. 354.«

7. Għalkemm tagħraf il-loġika ta' dan l-argument il-qorti tosserva illi jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn l-appellanti tkun imċaħħda minn rimedju u minn aċċess għal qorti. Il-qorti iżda tgħid illi, għal raġunijiet li jiġu mfissra aktar 'il quddiem, kien hemm nomina, din opponiet għaliha l-Kummissjoni, kif fehmet li obbligata tagħmel taħt l-art. 51(4), għar-raġuni illi fil-fehma tal-Kummissjoni "minħabba li l-formula tan-nomina ma tkunx magħmula jew ma tkunx ġiet ikkunsinnata", kif igħid l-art. 51(3).

8. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni xehdu illi l-appellanti ma tqisitx li ippreżentat in-nomina tagħha għax marret tippreżentaha ftit minuti wara li għalaq il-ħin biex jintlaqgħu n-nomini fis-7.00 *p.m.* tas-Sibt 13 ta' Mejju 2017. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni xehdu wkoll iżda illi min ikun laħaq daħal fl-uffiċċju sas-7.00 *p.m.* jitqies li wasal fil-ħin, ukoll jekk il-ħin materjali sakemm tiġi proċessata l-applikazzjoni jwassal biex din tiġi approvata wara s-7.00 *p.m.*

9. Fissru wkoll illi l-proċess tal-approvazzjoni jsir f'diversi stadji fuq diversi "mwejjed". Meta nħoloq dubju dwar jekk l-appellanti, u xi kandidati oħra, setgħux jitfgħu nomina għal aktar minn żewġ distretti il-Kummissjoni ma setgħetx tieħu deċiżjoni mill-ewwel għax riedet

tieħu parir. Eventwalment idderiġiet lill-appellanti u lill-kandidati l-oħra sabiex jibdew il-proċess fuq l-ewwel "imwejjed", bla preġudizzju, naturalment, għad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni. Dan kien qabel is-7.00 *p.m.*

10. L-appellanti kellha għal raġunijiet personali tillarga mill-uffiċċju u għal xi raġuni ħadet id-dokumenti tal-applikazzjoni magħha. Dan iżda ma jfissirx illi l-proċess ma kienx inbeda, kif wara kollox idderiġiet il-Kummissjoni stess, u hekk kif – kif xehed ir-rappreżentant tal-Kummissjoni – min jidħol fl-uffiċċju fis-6.59 *p.m.* jitqies li jkun daħal fil-ħin, l-applikazzjoni tal-appellanti wkoll kellha titqies li saret fil-ħin għalkemm, minħabba indeċiżjoni tal-Kummissjoni, il-proċessar tagħha kellu jiġi interrott u seta' jitkompla biss wara s-7.00 *p.m.*

11. Ma jistax għalhekk jingħad li ma kienx hemm nomina u li ma kienx hemm deċiżjoni fuq oppożizzjoni magħmula mill-Kummissjoni nnifis-ha. Dan ifisser illi hija ħażina l-eċċezzjoni li l-appell ma jiswiex, u hija ħażina wkoll id-deċiżjoni fil-meritu illi proċess ta' applikazzjoni biex issir nomina jitqies li ma nbediex għax għamel xi ħin sospiż.

12. Lanqas ma tkun xierqa u proporzjonata deċiżjoni li l-appellanti tkun imċaħħda mid-dritt li tikkandida ruħha għax titqies tardiva applik-azzjoni magħmula tempestivament iżda sospiża minħabba indeċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-qorti tifhem u taqbel illi applikazzjoni magħmula fis-7.00.01 *p.m.* għandha titqies tardiva, għax bil-proċess ta' *dove cento cent'uno* jekk taċċetta applikazzjoni magħmula minuta tard tasal biex tapprova waħda magħmula siegħa tard, iżda l-każ tal-appellanti ma

kienx hekk. Hi bdiet il-proċess qabel il-ħin tal-għeluq u ma kienx bi ħtija tagħha li l-Kummissjoni ma setgħetx ittemmu fil-ħin li normalment tieħu biex tipproċessa l-applikazzjoni; ma għandhiex għalhekk tbati l-konsegwenzi hi. Huwa minnu illi forsi l-appellanti żbaljat meta ħadet id-dokumenti magħha meta kellha tillarga minn fuq il-post, iżda s-sanzjoni li titwarrab in-nomina tagħha minħabba f'hekk ma tkunx waħda proporzjonata.

13. L-appell għandu għalhekk jintlaqa', u l-qorti tħassar id-deċiżjoni li minnha sar appell u tordna li titkompla tiġi proċessata n-nomina tal-appellanti.

14. Fid-dawl ta' dak imfisser fis-sentenza mogħtija llum stess fl-ismijiet Ivan Grech Mintoff v. Kummissarju Elettorali Prinċipali (rikors numru 212/2017) f'dan l-istadju hu mistenni li l-Kummissjoni teżiġi mingħand l-appellant li tiddikjara fuq liema żewġ distretti qed tikkandida ruħha. Il-Qorti tqassar sas-7.00 *p.m.* illum iż-żmien imsemmi fil-*proviso* għall-art. 51(3) tal-Kap. 354 sabiex issir kull oppożizzjoni oħra għan-nomina.

15. L-ispejjeż ta' dan l-appell tħallashom il-Kummissjoni.

| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
df/mb